**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-6 ta' Diċembru 2001**

**dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri parteċipanti mis-sena finanzjarja 2002**

***(BĊE/2001/16)***

(2001/914/KE)

(ĠU L 337, 20.12.2001, p. 55)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Id-Deċiżjoni tal-Bank 2004/48/KE Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2003 | L 9 | 39 | 15.1.2004 |
| ►M2 | Deċiżjoni tal-Bank 2006/385/KE Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Mejju 2006 | L 118M | 826 | 8.5.2007 |
| ►M3 | Deċiżjoni tal-Bank 2007/850/KE Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2007 | L 333 | 86 | 19.12.2007 |
| ►M4 | Deċizjoni tal-bank 2009/998/UE Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Diċèmbru 2009 | L 339 | 55 | 22.12.2009 |

▼B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-6 ta' Diċembru 2001

## dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri parteċipanti mis-sena finanzjarja 2002

***(BĊE/2001/16)***

(2001/914/KE)

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ bħala "Statut"), u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 32.1 ta'l-Istatut, dħul monetarju hu d-dħul li jakkumula għall-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-attività tal-funzjoni tal-politika monetarja. Taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 32.2 ta' l-Istatut, l-ammont ta' dħul monetarju ta' kull BĊNi irid ikun daqs id-dħul annwali tiegħu li ġej mill-assi miżmuma kontra biljetti ta' flus fiċ-ċirkulazzjoni u depożiti tal-passiv lil istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawn l-assi jridu jiġu assenjat minn BĊNi skond il-linji ta' gwidi tal-Kunsill Regolatorju. Mis-sena finanzjarja 2003, BĊNi għandhom jassenjaw l-assi li ġejjin mill-attività tal-funzjoni tal-politika monetarja bħala assi miżmuma kontra biljetti ta' flus fiċ-ċirkulazzjoni u depożiti tal-passiv lil istituzzjonijiet ta' kreditu. Skond l-Arikolu 32.4 ta' l-Istatut, l-ammont ta' dħul monetarju ta' kull BĊN għandu jkun imnaqqas b'ammont ekwivalenti għal kull imgħax imħallas minn dak il-BĊN fuq id-depożitu tal-passiv tiegħu lil istituzzjonijiet ta' kreditu skond l-Artikolu 19 ta' l-Istatut.

(2) Skond l-Artikolu 32.5 ta' l-Istatut, is-somma tad-dħul monetarju tal-BĊNi għandha tkun allokata lilhom bi proporzjon għall-ishma tagħhom imħallsa fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

(3) Skond l-Artikoli 32.6 u l-Artikoli 32.7 ta' l-Istatut, il-Kunsill Regolatorju ta' l-BĊE hu awtorizzat li jistabbilixxi linji ta' gwidi għall-clearing u għall-ħlas mill-BĊE tal-bilanċi ġejjin mill-allokazzjoni ta' dħul monetarju u li jieħu l-miżuri l-oħra kollha neċessarji għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 32 ta' l-Istatut.

(4) Skond l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro ([1]) mill-1 ta' Jannar 2002, l-BĊE u l-BĊNi hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa bħala "Eurosistema" għandhom jitfgħu fiċ-ċirkulazzjoni biljetti ta' flus denominati f'euro. L-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament isemmi l-kontinwazzjoni ta' l-istatut tal-valuta legali ta' biljetti ta' flus denominati fl-unitajiet tal-munita nazzjonali matul perijodu massimu ta' sitt xhur wara t-tmiem tal-perijodu transizzjonali. Is-sena 2002 għandha għalhekk tiġi mħarsa bħala sena speċjali, peress li biljetti ta' flus fiċ-ċirkulazzjoni denominati fl-unitajiet tal-munita nazzjonali jistgħu jiġġustifikaw għall-proporzjon konsiderabbli fil-valur totali tal-biljetti ta' flus ta' l-"Eurosistema" fiċ-ċirkulazzjoni li jippreżentaw mudelli differenti fi Stati Membri. Din is-sitwazzoni hi mqabbla mas-sitwazzjoni li seħħet mill-1999 sa' l-2001 u, għalhekk, għas-sena finanzjarja 2002 dħul monetarju għandu jkun ikkalkolat b'metodu analogu għal dak imsemmi fid-Deċiżjoni BĊE/2000/19 tat-3 ta' Novembru 1998 kif emendat bid-Deċiżjoni ta' l-14 ta' Diċembru 2000 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri parteċipanti u telf ta' l-BĊE għas-snin finanzjarji 1999

([1]) ĠU L 139, tal-11.5.1998, p. 1.

▼B

sa' l-2001 ([1]) biex jiġi żgurat li tibdil fil-modi taċ-ċirkulazzjoni ta' biljetti ta' flus ma jaffettwax b'mod sinifikanti l-posizzjonijiet relattivi ta' dħul tal-BĊNi. Għal 2002, l-Artikoli 32.3 ta' l-Istatut iħallu lill-Kunsill Regolatorju jiddeċiedi, permezz tad-deroga mill-Artikolu 32.2, li dħul monetarju jiġi kkalkolat skond metodu alternattiv.

(5) L-Artikolu 9(1) tal-Linja ta' Gwidi BĊE/2001/1 ta' l-10 ta' Jannar 2001 li jadotta ċerti dispożizzjonijiet dwar il-bdil ta' flus 2002 ([2]) jipprevedi li biljetti ta' flus ta' l-euro imqassma minn qabel lil istituzzjonijiet ta' kreditu jew lill-aġenti appuntati minnhom għandhom ikunu debitati fil-kontijiet rispettivi tagħhom mal-BĊNi, skond il-każ, għall-valur stampat, skond il-"mudell ġenerali ta' tnaqqis": terz tas-somma imqassma minn qabel fit-2 ta' Jannar 2002, terz fit-23 ta' Jannar 2002, u l-aħħar terz fit-30 ta' Jannar 2002. Il-kalkolazzjoni ta' dħul monetarju għas-sena 2002 għandha tikkunsidra dan il-"mudell ġenerali ta' tnaqqis".

(6) Din id-Deċiżjoni hi relatata mad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-materja ta' biljetti ta' flus euro ([3]) li tipprevedi li l-BĊE u l-BĊNi għandhom joħorġu biljetti ta' flus euro. Id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tistabbilixxi li l-allokazzjoni għall-BĊNi ta' biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazjoni hi bi proporzjon għall-ishma mħallsa fil-kapital tal-BĊE. L-istess Deċiżjoni talloka lill- BĊE 8 % tal-valur totali tal-biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazzjoni. L-allokazzjoni ta' biljetti ta' flus f'euro bejn il-membri ta' l-Eurosistema tagħti bidu għall-bilanċi interni ta' l-Eurosistema. Ir-rimunerazzjoni ta' dawn il-bilanċi interni ta' l-Eurosistema fil-biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazzjoni għandha effett dirett fuq id-dħul ta' kull membru ta' l-Eurosistema, u għalhekk għandha tkun irregolata taħt din id-Deċiżjoni. Id-dħul li jakkumula fl-BĊE dwar ir-rimunerazzjoni tal-krediti interni tagħha ta' l-Eurosistema, rigward l-ishma tagħha ta' biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazzjoni għandhom fil-prinċipju jkunu mqassma lill-BĊNi skond id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Regolatorju, proporzjonalment għall-ishma tagħhom imżamma fl-iskema tal-kapital sottoskritt fl-istess sena finanzjarja li fiha jimmatura d-dħul.

(7) Il-bilanċ nett tal-krediti u d-debiti interni ta' l-Eurosistema fuq biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazzjoni għandhom ikunu rimunerati billi tiġi applikata kriterja oġġettiva li tiddefinixxi l-valur tal-flus. F'dan il-kuntest, ir-rata applikata għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali użata mill-Eurosistema fl-offerti tagħha għal operazzjonijiet ta' rifinazzjament prinċipali hi meqjusa bħala xierqa.

(8) Il-passiv nett intern għall-Eurosistema fuq biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazzjoni għandu jiġi nkluż fil-bażi tal-passiv għall-iskop ta' kalkolazzjoni tad-dħul monetarju tal-BĊNi taħt l-Artikolu 32.2 ta' l-Istatut kif inhuma ekwivalenti għal biljetti ta' flus fiċ-ċirkulazzjoni. Il-ħlas ta' imgħax fuq bilanċi interni għall-Eurosistema fuq biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazzjoni se jirriżulta għalhekk f'distribuzzjoni ta' ammont sostanzjali tad-dħul monetarju ta' l-Eurosistema fost il-BĊNi proporzjonalment għall-ishma tagħhom imħallsa fil-kapital tal-BĊE. Dawn il-bilanċi interni għall-Eurosistema għandhom ikunu aġġustati b'mod li jitħalla aġġustament tal-karti ta' bilanċ u tal-kont ta' qligħ u telf tal-BĊNi. L-aġġustament għandhom ikunu bbażati fuq il-valur tal-biljetti ta' flus fiċ-ċirkulazzjoni ta' kull BĊN matul perjodu qabel l-introduzzjoni tal-biljetti ta' flus f'euro. Dawn l-aġġustamenti għandhom jikkonsidraw iċ-ċirkostanżi speċjali tas-sena 2002, li matulha Stati Membri għandhom sitwazzjonijiet differenti ta' tibdil ta' flus, u li matulha istituzzjonijiet ta' kreditu

([1]) ĠU L 336, tat-30.12.2000, p. 119.
([2]) ĠU L 55, ta' l-24.2.2001, p. 80.
([3]) Ara paġna 52 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

se jżidu għal-livelli differenti l-likwiditià normali tagħhom, u għandhom japplikaw fuq bażi annwali b'mod konformi għal formula fissa għal perijodu ta' mhux aktar mill-ħames snin suċċessivi.

(9) L-aġġustamenti għall-bilanċi interni għall-Eurosistema għall-biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazzjoni ġew ikkalkolati biex jiġi kkumpensat xi tibdil sinifikanti fil-posizzjonijiet ta' dħul tal-BĊNi bħala konsegwenza għall-introduzzjoni tal-biljetti ta' flus f'euro u l-allokazzjoni sussegwenti tad-dħul monetarju. Il-Kunsill Regolatorju għandu għalhekk jiddeċiedi li ma jagħmilx rikors għad-deroga mill-Artikolu 3.2 ta' l-Istatut, permess bl-Artikolu 51 ta' l-Istatut.

(10) L-aġġustamenti fil-bilanċi interni għall-Eurosistema tal-biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazjoni għandhom jikkonsidraw is-sitwazzjoni speċjali tad-Dukat il-Kbir tal-Lussemburgu, li joħroġ mill-istorja monetarja riċenti tiegħu.

(11) Il-Kunsill Regolatorju ta' l-BĊE adotta din id-Deċiżjoni bit-tama li r-riżultati ekonomiċi tagħha u l-bilanċ finanzjarju li riżultat ekonomiku bħal dan iġib miegħu jibqgħu mhux mibdula matul il-perijodu ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni u, għalhekk, hu l-impenn sod tal-Kunsill Regolatorju ta' l-BĊE li jiżgura l-manteniment tar-regime stabbilit f'din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Diċembru 2007,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "Stati Membri parteċipanti" għandha tfisser l-Istati Membri li adottaw il-munita waħdanija skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea';

(b) "BĊNi" għandha tfisser il-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri parteċipanti;

(ċ) "aggregat tal-passiv" għandha tkun l-ammont ta' passiv li hu meħud fil-konsiderazzjoni, fil-karta ta' bilanċ ta' kull BĊN, speċifikat skond l-Anness I ma' din id-Deċiżjoni;

(d) "assi assenjati" għandha tkun l-ammont ta' assi miżmuma kontra l-aggregat tal-passiv, fil-karta ta' bilanċ ta' kull BĊN, speċfikat skond l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

(e) "bilanċi interni għall-Eurosistema ta' biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazzjoni" għandha tfisser il-krediti u d-debiti li jinħolqu bejn BĊN u l-BĊE u bejn BĊN u l-BĊNi l-oħra bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-materja ta' biljetti ta' flus f'euro;

▼M1

(f) "l-iskema tal-kapital sottoskritt" għandha tfisser l-ishma tal-BĊNi (irrappreżentati bħala persentaġġi) fil-kapital sottoskritt tal-BĊE, li jirriżultaw mill-applikazzjoni, għall-BĊNi, tal-proporzjonijiet fl-iskema msemmija fl-Artikolu 29.1 ta' l-iStatut u kif applikabbli għas-sena finanzjarja relevanti;

▼M4

(g) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser jew (a) istituzzjoni ta' kreditu skont it-tifsira tal-Artikoli 2 u 4(1)a tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006

▼M4

dwar il-bidu u t-tkomplija tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kif implimentata fil-liġi nazzjonali ([1]), li hija suġġetta għas-superviżjoni minn awtorita' kompetenti, jew (b) istituzzjoni ta' kreditu oħra skont it-tifsira tal-Artikolu 123(2) tat-Trattat dwar l-Iffunzjonar tal-Unjoni Ewropea li hija suġġetta għal skrutinju ta' standard paragunabbli mas-superviżjoni minn awtorita' kompetenti;

▼B

(h) "HBS" għandha tfisser il-karta ta' bilanċ armonizzata kif strutturata fl-Anness IX mal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/18 dwar il-qafas legali tal-kontabilità u r-rappurtaġġ tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali kif emendata fil-15 ta' Diċembru 1999 u fl-14 ta' Diċembru 2000 ([2]);

(i) "rata ta' referenza" għandha tkun l-aħħar rata ta' imgħax marġinali disponibbli użata mill-Eurosistema fis-sejħiet tagħha għall-operazzjoni ta' rifinanzjar prinċipali għas-sens tal-paragrafu 3.1.2 ta' l-Anness I mal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 tal-31 t'Awissu 2000 dwar strumenti u proċeduri tal-politika monetarja ta' l-Eurosistema ([3]). Fejn każ li fl-istess ġurnata hemm iktar minn operazzjoni ta' rifinanzjar prinċipali għall-ħlas, tintuża medja sempliċi tar-rati marġinali ta' l-operazzjonijiet effetwati fl-istess ħin ;

▼M2

(j) "data tal-bidla tal-flus kontanti" tfisser id-data li fiha l-karti tal-flus u muniti euro jakkwistaw l-istatus ta' valuta legali fi Stat Membru li jkun adotta l-euro;

(k) "perijodu ta' referenza" tfisser perijodu ta' 24 xahar li jibda 30 xahar qabel id-data tal-bidla tal-flus kontanti;

(l) "sena tal-bidla tal-flus kontanti" tfisser perijodu ta' 12 -il xahar li jibda mid-data tal-bidla tal-flus kontanti;

(m) "rata ta' referenza tal-kambju fi flus barranin ta' kuljum" tfisser ir-rata ta' referenza tal-kambju fi flus barranin ta' kuljum li hija bbażata skond il-proċedura ta' *concertation* regolari u ta' kuljum bejn il-banek ċentrali ġewwa u barra s-SEBĊ, li normalment isseħħ fis-14.15 Ħin Ċentrali Ewropew;

▼M3

(n) "karti ta' flus euro irtirati" tfisser kull tip jew serje ta' karta ta' flus euro li jkunu ġew irtirati miċ-ċirkolazzjoni b'deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv meħuda skond l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni BĊE/2003/4;

(o) "skema tal-ħruġ" tfisser l-iskema medja tal-kapital sottoskritt matul il-fażi tal-ħruġ ta' xi tip jew serje ta' karti ta' flus euro irtirati;

(p) "fażi tal-ħruġ", fir-rigward ta' tip jew serje ta' karta ta' flus euro, tfisser il-perijodu li jibda mid-data li fiha l-ewwel ħarġa ta' karta ta' flus euro ta' dan it-tip jew serje tiġi rreġistrata fil-bażi tar-riżerva, u li jispiċċa fid-data li fiha l-aħħar ħarġa ta' karta ta' flus euro ta' dan it-tip jew serje tiġi rreġistrata fil-bażi tal-passiv;

(q) "tikkanċella" tfisser l-eliminazzjoni ta' karti ta' flus euro irtirati mill-partita tal-karta tal-bilanċ "karti ta' flus fiċ-ċirkolazzjoni".

▼B

*Artikolu 2*

**Bilanċi interni għall-Eurosistema ta' biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazzjoni**

1. ►M2 Il-bilanċi intra-Ewrosistema dwar il-karti tal-flus euro fiċ-ċirkulazzjoni għandhom ikunu kkalkulati kull xahar u għandhom ikunu rreġistrati fil-kotba tal-BĊE u tal-BĊNi fl-ewwel jum ta' negozju

([1]) ĠU L 177, 30.6.2006., p. 1.
([2]) ĠU L 33, tat-2.2.2001, p. 21.
([3]) ĠU L 310, tal-11.12.2000, p. 1.

▼B

tax-xahar b'data ta' valur li ġġib l-aħħar jum ta' negozju tax-xahar ta' qabel.

Meta xi Stat Membru jadotta l-euro, il-kalkulazzjoni tal-bilanċi intra-Ewrosistema dwar il-karti tal-flus euro fiċ-ċirkulazzjoni skond l-ewwel subparagrafu għandu jkun irreġistrat fil-kotba tal-BĊE u l-BĊNi b'data ta' valur li ġġib id-data tal-bidla tal-flus kontanti. ◄

2. Il-bilanċi interni għall-Eurosistema ta' biljetti ta' flus f'euro fiċ-ċirkulazzjoni, li jinkludu dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu rimunerati bir-rata ta' referenza.

3. Ir-rimunerazzjoni msemmija fil-paragrafu ta' qabel għandha tiġi mħallsa fuq bażi ta' kull kwart ta' sena bil-pagamenti Target.

4. Fid-deroga mill-paragrafu ta' qabel, għas-sena finanzjarja 2002, ir-rimunerazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi mħallsa fl-aħħar tas-sena.

*Artikolu 3*

**Metodu biex jiġi kkalkolat id-dħul monetarju**

1. Fl-2002, l-ammont tad-dħul monetarju ta' kull BĊN għandu jiġi ddeterminat skond il-formula li ġejja:

$MI = LB \times RR$

fejn:

MI hu l-ammont tad-dħul monetarju ta' kull BĊN li jkun komuni,

LB hu l-aggregat tal-passiv ta' kull BĊN,

RR hi r-rata ta' referenza.

▼M4

2. Mill-2003 l-ammont ta' dħul monetarju ta' kull BĊN għandu jkun determinat billi jitkejjel id-dħul attwali li jirriżulta mill-attiv assenjabbli rreġistrat fil-kotba tiegħu. Bħala eċċezzjonijiet għal dan, id-deheb għandu jiġi meqjus li ma jiġġenera l-ebda dħul, u t-titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja għandhom jiġu meqjusa li jiġġeneraw dħul skont ir-rata ta' referenza.

▼M3

3. Fejn il-valur ta' dak l-attiv li jista' jiġi assenjat ta' xi BĊN jeċċedi jew ikun anqas mill-valur tal-bażi tiegħu tal-passiv, id-differenza għandha tiġi bbilanċjata billi tiġi applikata r-rata ta' referenza għall-valur tad-differenza.

▼M2

*Artikolu 4*

**Aġġustamenti għall-bilanċi intra-Ewrosistema**

1. Għall-iskopijiet tal-kalkulazzjoni tad-dħul monetarju, kull bilanċ intra-Ewrosistema tal-BĊN dwar il-karti tal-flus euro fiċ-ċirkulazzjoni għandu jkun aġġustat b'ammont kumpensatorju ddeterminat skond il-formula li ġejja:

$\dot{C} = (K - A) \times S$

fejn:

Ċ huwa l-ammont kumpensatorju,

K huwa l-ammont f'euro għal kull BĊN, li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-iskema tal-kapital sottoskritt għall-valur medju tal-karti tal-flus fiċ-ċirkulazzjoni matul il-perijodu ta' referenza, fejn l-ammont tal-karti tal-flus fiċ-ċirkulazzjoni ddenominati fil-valuta nazzjonali ta' xi Stat Membru li jadotta l-euro għandu jkun tradott f'euro skond ir-rata ta' referenza tal-kambju fi flus barranin ta' kuljum matul il-perijodu ta' referenza,

▼M2

A huwa l-valur medju f'euro għal kull BĊN tal-karti tal-flus fiċ-ċirkulazzjoni matul il-perijodu ta' referenza, tradott f'euro skond ir-rata ta' referenza tal-kambju fi flus barranin ta' kuljum matul il-perijodu ta' referenza,

S huwa l-ko-effiċjent għal kull sena finanzjarja, li jibda bid-data tal-bidla tal-flus kontanti:

| Sena Finanzjarja | Ko-effiċjent |
|---|---|
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti | 1 |
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti biż-żieda ta' sena | 0,8606735 |
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti biż-żieda ta' sentejn | 0,7013472 |
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti biż-żieda ta' tliet snin | 0,5334835 |
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti biż-żieda ta' erba' snin | 0,3598237 |
| Sena tal-bidla tal-flus kontanti biż-żieda ta' ħames snin | 0,1817225 |

2. Is-somma ta' l-ammonti kumpensatorji tal-BĊNi għandha tkun zero.

3. L-ammonti kumpensatorji għandhom ikunu kkalkulati kull darba li xi Stat Membru jadotta l-euro jew meta l-iskema tal-kapital sottoskritt tal-BĊE tinbidel.

4. L-ammont kumpensatorju ta' xi BĊN ġdid ta' l-Ewrosistema għandu jkun allokat lill-BĊNi ta' l-Ewrosistema eżistenti meta dak l-Istat Membru jissieħeb, fi proporzjon ma' l-ishma rispettivi tal-BĊNi eżistenti ta' l-Ewrosistema fl-iskema tal-kapital sottoskritt, bis-sinjal (+/) imreġġa' lura, u għandu jkun addizzjonali għal kwalunkwe ammont kumpensatorju diġa' fis-seħħ għall-BĊNi ta' l-Ewrosistema eżistenti.

5. L-ammonti kumpensatorji u l-entrati tal-kontabilita' biex jibbilanċjaw dawk l-ammonti kumpensatorji għandhom jiġu rreġistrati f'kontijiet intra-Ewrosistema separati fil-kotba ta' kull BĊN b'data ta' valur li ġġib id-data tal-bidla tal-flus kontanti u l-istess data ta' valur ta' kull sena sussegwenti tal-perijodu ta' aġġustament. L-entrati tal-kontabilita' li jibbilanċjaw l-ammonti kumpensatorji m'għandhomx ikunu rremunerati.

6. Jekk il-valur tal-karti tal-flus euro li l-Banque centrale du Luxembourg ipoġġi fiċ-ċirkulazzjoni fl-2002 jaqbeż il-valur medju tal-karti tal-flus tiegħu fiċ-ċirkulazzjoni matul il-perijodu mill-1 ta' Lulju 1999, sat-30 ta' Ġunju 2001, b'25 % jew aktar, allura għall-ittra “A” tal-Banque centrale du Luxembourg fil-formula stabbilita fil-paragrafu 1 għandu jkun hemm il-valur tal-karti tal-flus imqiegħda fiċ-ċirkulazzjoni mill-Banque centrale du Luxembourg fl-2002 sa limitu massimu ta' EUR 2,2 billion. Ma' l-applikazzjoni ta' din id-deroga, l-ammonti kumpensatorji kollha kkalkulati skond l-Artikolu 4(1) għandhom ikunu suġġetti għal aġġustamenti retroattivi fi tmiem is-sena 2002, sabiex tiġi żgurata l-konformita' mal-paragrafu 2. Dawn l-aġġustamenti retroattivi għandhom ikunu f'proporzjon ma' l-iskema tal-kapital sottoskritt.

7. B'deroga mill-paragrafu 1, meta jinħolqu eventwalitajiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' tibdiliet fix-xejriet taċ-ċirkulazzjoni tal-karti tal-flus, kif stabbilit fl-Anness III ma' din id-Deċiżjoni, il-bilanċi intra-Ewrosistema ta' kull BĊN dwar il-karti tal-flus euro fiċ-ċirkulazzjoni għandhom ikunu aġġustati skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness.

▼M2

8. L-aġġustamenti għal bilanċi intra-Ewrosistema stabbiliti f'dan l-Artikolu m'għandhomx jibqgħu japplikaw mill-ewwel jum tas-sitt sena wara s-sena rilevanti tal-bidla tal-flus kontanti.

▼B

*Artikolu 5*

**Kalkolazzjoni u allotazzjoni tad-dħul monetarju**

1. Il-kalkolazzjoni u l-allotazzjoni tad-dħul monetarju ta' kull BĊN għandu jseħħ mill-BĊE kull ġurnata fis-sena. Il-kalkolazzjoni għandha tiġi bbażata fuq informazzjoni ta' kontabilità rraportata mill-BĊNi lill-BĊE. L-BĊE għandu jinforma lill-BĊNi bl-ammonti kumulattivi fuq bażi ta' kull kwart ta' sena.

2. L-ammonti tad-dħul monetarju ta' kull BĊN għandhom jiġi mnaqqsa b'ammont ekwivalenti għal kull imgħax akkumulat jew imħallas fuq passivi li huma nklużi fl-aggregat tal-passiv, u skond kull deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju ta' l-BĊEskond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 32.4 ta' l-Istatut.

3. L-allokazzjoni tas-somma tad-dħul monetarju ta' kull BĊN proporzjonalment ma' l-iskema tal-kapital sottoskritt għandha sseħħ fl-aħħar ta' kull sena finanzjarja.

▼M3

*Artikolu 5a*

**Kalkolu w allokazzjoni tad-dħul li jirriżulta mill-kanċellament ta' karti ta' flus euro**

1. Karti ta' flus euro għandhom jibqgħu parti mill-bażi tal-passiv sakemm jiġu skambjati jew ikkanċellati, liema minnhom iseħħ l-ewwel.

2. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li l-kanċellament ta' karti ta' flus euro irtirati, f'liema każ għandu jispeċifika d-data tal-kanċellament u l-ammont totali tal-provvediment li għandu jsir għal dawk il-karti ta' flus euro irtirati li jkun mistenni li jkunu għad iridu jiġu skambjati.

3. Karti ta' flus euro għandhom jiġu kkanċellati kif ġej:

(a) Fid-data tal-kanċellament, il-partiti tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE u tal-BĊNi "karti ta' flus fiċ-ċirkolazzjoni" għandhom jitnaqqsu bl-ammont totali ta' karti ta' flus euro irtirati li jkunu għadhom fiċ-ċirkolazzjoni. Għal dan l-iskop, l-ammonti attwali ta' karti ta' flus euro irtirati li jkunu tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni għandhom jiġu aġġustati għall-ammonti pro-rata tagħhom ikkalkulati skond l-iskema tal-ħruġ, u d-differenzi għandhom jiġu *settled* bejn il-BĊE u l-BĊNi.

(b) L-ammont aġġustat ta' karti ta' flus euro irtirati għandu jiġi kkanċellat mill-partita tal-karta tal-bilanċ "karti ta' flus fiċ-ċirkolazzjoni" lill-kontijiet tal-profitt u t-telf tal-BĊNi.

(ċ) Kull BĊN għandu jistabbilixxi provvediment għal karti ta' flus euro irtirati li jkun mistenni li jkunu għad iridu jiġu skambjati. Il-provvediment għandu jkun ekwivalenti għas-sehem tal-BĊN rilevanti fl-ammont totali tal-provvediment ikkalkulat bl-użu ta' l-iskema tal-ħruġ.

4. Karti ta' flus euro irtirati li huma skambjati wara d-data tal-kanċellament għandhom ikunu rreġistrati fil-kotba tal-BĊN li jkun aċċettahom. Il-fluss 'il ġewwa ta' karti ta' flus euro irtirati għandu jkun iddistribwit mill-ġdid bejn il-BĊNi ta' lanqas darba f'sena, billi tiġi applikata l-iskema tal-ħruġ, u d-differenzi għandhom jiġu *settled* bejniethom. Kull BĊN għandu jpaċi l-ammont pro-rata kontra l-provvediment tiegħu jew, fil-każ li l-fluss 'il ġewwa jeċċedi l-provvediment, jirreġistra spiża korrispondenti fil-kont tiegħu tal-profitt u t-telf.

▼M3

5. Il-Kunsill Governattiv għandu jirrevedi kull sena l-ammont totali tal-provvediment.

▼B

*Artikolu 6*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2002.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

▼M4

*ANNESS I*

**KOMPOSIZZJONI TAL-BAŻI TAL-PASSIV**

A. Il-bażi tal-passiv tinkludi, bl-esklużjoni ta' kull partita oħra:

1. Karti tal-flus fiċ-cirkolazzjoni

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, fis-sena tal-bidla tal-flus għal kull BĊN ġdid tal-Eurosistema "karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni":

(a) tinkludi karti tal-flus maħruġin mill-BĊN u denominati fil-valuta nazzjonali tiegħu; u

(b) għandu jitnaqqsilhom il-valur tas-self mhux remunerat konness ma' karti tal-flus euro *frontloaded* li għadhom ma ġewx iddebitati (parti mill-partita tal-attiv tal-HBS).

Wara s-sena relevanti tal-bidla tal-flus, għal kull BĊN "karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" tfisser karti tal-flus denominati f'euro, bl-esklużjoni ta' karti tal-flus oħra.

Jekk id-data tal-bidla tal-flus hija ġurnata li fiha t-TARGET2 huwa magħluq, il-passiv ta' BĊN fl-Eurosistema li jirriżulta minn karti tal-flus euro li ġew *offloaded* skont il-Linja Gwida BĊE/2006/9 tal-14 ta' Lulju 2006 dwar ċerti preparazzjonijiet għall-bidla għall-munita euro u dwar il-*frontloading* u *sub-frontloading* ta' karti tal-flus u muniti euro barra ż-żona euro ([1]) u li daħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tal-bidla tal-munita jiffurmaw parti mill-bażi tal-passiv (bħala parti mill-kontijiet korrispondenti taħt il-partita tal-passiv 10.4 tal-HBS) sakemm il-passiv isir parti mill-passi ġewwa l-Eurosistema li jirriżulta mit-transazzjonijiet TARGET2.

2. Passiv fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona euro marbut mal-operazzjonijiet ta' politika monetarja denominati f'euro, li jinkludu:

(a) kontijiet kurrenti inklużi r-rekwiżiti minimi tar-riżerva taħt l-Artikolu 19.1 tal-Istatut (partita tal-passiv 2.1 tal-HBS);

(b) ammonti f'depożiti taħt il-faċilita' ta' depożitu tal-Eurosistema (partita tal-passiv 2.2 tal-HBS);

(c) depożiti għal terminu fiss (partita tal-passiv 2.3 tal-HBS);

(d) passiv li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' rfinar b'lura (partita tal-passiv 2.4 tal-HBS);

(e) depożiti marbutin ma' kopertura addizzjonali (partita tal-passiv 2.5 tal-HBS).

3. Passiv ta' depożiti fil-konfront ta' kontropartijiet inadempjenti fl-Eurosistema u li ġew ikklassifikati mill-ġdid mill-partita tal-passiv 2.1 tal-HBS.

4. Passiv fi ħdan l-Eurosistema ta' BĊNi li jirriżulta mill-ħruġ ta' kambjali lill-BĊE li jsostnu l-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE taħt il-Kapitolu 3.3 ta' Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2000/7 (partita tal-passiv 10.2 tal-HBS).

5. Passiv nett ġewwa l-Eurosistema fuq karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, inkluż dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni (parti mill-partita tal-passiv 10.3 tal-HBS).

6. Passiv nett ġewwa l-Eurosistema li jirriżulta minn transazzjonijiet TARGET2 remunerati skont ir-rata ta referenza (parti mill-partita tal-passiv 10.4 tal-HBS).

B. L-ammont tal-bażi tal-passiv ta' kull BĊN għandu jiġi kkalkulat skont il-prinċipji u r-regoli armonizzati tal-kontabilità stabbiliti fil-Linja Gwida BĊE/2006/16 tal-10 ta' Novembru 2006 dwar il-qafas legali għall-kontabilita' u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Europea ta' Banek Ċentrali. ([2])

---

([1]) ĠU L 207, 28.7.2006, p. 39.

([2]) ĠU L 348, 11.12.2006, p. 1.

▼M4

*ANNESS II*

**ATTIV ASSENJABBLI**

A. L-attiv assenjabbli għandu jinkludi, bl-esklużjoni ta' kull partita oħra:

1. Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominat f'euro (partita tal-attiv 5 tal-HBS).

2. Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja (partita tal-attiv 7.1 tal-HBS).

3. Talbiet ġewwa l-Eurosistema ekwivalenti għat-trasferiment ta' attiv ta' riżerva barranija li mhuwiex deheb lill-BĊE taħt l-Artikolu 30 tal-Istatut (parti mill-partita tal-attiv 9.2 tal-HBS).

4. Passiv nett ġewwa l-Eurosistema fuq karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, inkluż dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni (parti mill-partita tal-attiv 9.4 tal-HBS).

5. Passiv nett ġewwa l-Eurosistema li jirriżulta minn transazzjonijiet TARGET2 remunerati skont ir-rata ta referenza (parti mill-partita tal-attiv 9.5 tal-HBS).

6. Deheb, inkluż talbiet fil-konfront ta' deheb trasferit lill-BĊE, f'ammont li jippermetti lil kull BĊN jassenja proporzjon ta' dak id-deheb li tikkorrispondi għall-applikazzjoni tas-sehem tiegħu fl-iskema tal-kapital sottoskritt lill-ammont totali ta' deheb assenjabbli mill-BĊNi kollha (partita tal-attiv 1 u parti mill-partita tal-attiv 9.2 tal-HBS).

   Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, u tal-anqas sal-kalkolu tad-dħul monetarju għas-sena finanzjarja 2007, id-dehem għandu jiġi valutat skont il-prezz tad-deheb f'euro għal kull uqija fina fil-31 ta' Diċembru 2002.

7. Passiv li jirriżulta minn karti tal-flus euro li ġew *frontloaded* skont il-Linja Gwida BĊE/2006/9 u li mbagħad daħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tal-bidla tal-munita (parti mill-partita tal-attiv 4.1 tal-HBS sad-data tal-bidla tal-flus u wara parti mir-rendikontijiet korrispondenti taħt il-partita tal-attiv 9.5 tal-HBS), iżda biss sakemm dan il-passiv isir parti mill-passiv tal-Eurosistema li jirriżulta mit-transazzjonijiet TARGET2.

8. Passiv pendenti li jirriżulta minn inadempjenza ta' kontropartijiet tal-Eurosistema fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, u/jew attiv jew passiv finanzjarju (fil-konfront ta' partijiet terzi) appropr-jati u/jew miksuba fil-kuntest ta' operazzjonijiet tar-realizzazzjoni tal-garanzija ppreżentata minn kontropartijiet inadempjenti tal-Eurosistema fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema kklassifikati mill-ġdid mill-partita tal-attiv 5 tal-HBS (parti mill-partita tal-attiv 11.6 tal-HBS).

B. Il-valur tal-attiv assenjabbli ta' kull BĊN għandu jiġi kkalkulat skont il-prinċipji u r-regoli armonizzati tal-kontabilita' stabbiliti fil-Linja Gwida BĊE/2006/16.

▼M2

*L-ANNESS III*

A. L-ewwel aġġustament eventwali

Jekk il-valur totali medju tal-karti tal-flus fiċ-ċirkulazzjoni fis-sena tal-bidla tal-flus kontanti huwa anqas mill-valur totali medju f'euro karti tal-flus fiċ-ċirkulazzjoni matul il-perijodu ta' referenza (inklużi dawk iddenominati fil-valuta nazzjonali ta' l-Istat Membru li jkun adotta l-euro u tradotta f'euro skond ir-rata ta' referenza tal-kambju fi flus barranin ta' kuljum matul il-perijodu ta' referenza), allura l-ko-effiċjent "S" li japplika għas-sena tal-bidla tal-flus kontanti skond l-Artikolu 4(1) għandu jitnaqqas b'effett retroattiv fl-istess proporzjon bħat-tnaqqis fil-medja totali tal-karti tal-flus fiċ-ċirkulazzjoni.

It-tnaqqis m'għandux jirriżulta f'ko-effiċjent anqas minn 0,8606735. Jekk din id-deroga hija applikata, kwart tat-tnaqqis riżultanti fl-ammonti kumpensatorji tal-BĊNi ("Ċ") applikabbli fis-sena tal-bidla tal-flus kontanti għandu jiżdied ma' kull wieħed mill-ammonti kumpensatorji tal-BĊNi applikabbli fit-tieni sal-ħames sena wara s-sena tal-bidla tal-flus kontanti skond l-Artikolu 4(1).

B. It-tieni aġġustament eventwali

Jekk dawk il-BĊNi li għalihom l-ammont kumpensatorju msemmi fl-Artikolu 4(1) huwa ċifra pożittiva, remunerazzjoni netta ta' ħlas fuq il-bilanċi intra-Ewrosistema dwar il-karti tal-flus fiċ-ċirkulazzjoni li tirriżulta fi spiża netta meta miżjuda ma' l-element "riżultat nett tal-ġbir flimkien tad-dħul monetarju" fil-kont tal-profitt u l-qligħ tagħhom fl-aħħar tas-sena, allura l-ko-effiċjent "S" li japplika għas-sena tal-bidla tal-flus kontanti skond l-Artikolu 4(1) għandu jiżdied sa kemm ikun hemm bżonn biex tiġi eliminata din il-kundizzjoni.

It-tnaqqis m'għandux jirriżulta f'ko-effiċjent anqas minn 0,8606735. Jekk din id-deroga hija applikata, kwart tat-tnaqqis riżultanti fl-ammonti kumpensatorji tal-BĊNi ("Ċ") applikabbli fis-sena tal-bidla tal-flus kontanti għandu jiżdied ma' kull wieħed mill-ammonti kumpensatorji tal-BĊNi applikabbli fit-tieni sal-ħames sena wara s-sena tal-bidla tal-flus kontanti skond l-Artikolu 4(1).